**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2016

Rikors Nru : 100/15 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999);

Illi l-kontendenti ilhom separati de facto cirka tmien (8) snin u sseparaw permezz ta' kuntatt in atti tan-Nutar Dott Marilena Cristina datat erbatax (14) ta' Awissu elfejn u sebgha (2007) Dok A:

Illi ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-kontendenti;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kwesiti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' artikolu 66A eq seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Awissu 2007 u de facto separati ghal madwar tmien snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.